**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 5/2019 CFF**

**Paul Caruana f'ismu proprju u ghan-nom tal-isem li jopera, Wastemaster Services**
**Vs**
**Stainless Steel Products Limited**

**Illum 17 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** guramentat tal-attur fejn espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrent bhala Paul Caruana li kien jopera bl-isem ta' Wastemaster Services kien jaghti servizz lis-socjeta' Stainless Steel Products Limited ghal diversi snin;

2. Illi s-servizz li kien jinghata u gar tal-iskips li s-socjeta' konvenuta kienet tarmi l-isktar gewwa l-iskips li kien jipprovdi l-attur;

3. Illi kull darba li kien isir il-garr ta' tali skips, persuna inkarigata mis-socjeta' konvenuta kienet tiffirma li saru li nghata s-servizz fil-granet kif miftiehem bejn il-partijiet;

4. Illi l-attur kien ilu jwissi lis-socjeta' konvenuta ghal hlas, li meta kien tela' l-ammont ta' €11,929.08 (hdax-il elf ewro, disgha mija, disgha u ghxorin ewro u tmien centezmi), l-attur ma baqax jaghti s-servizz lis-socjeta' konvenuta;

5. Illi l-attur jaf bil-fatti personalment u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-attur qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li ghar-ragunijiet premessi u previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja jew opportuna;

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta unikament responsabbli ghal hlas tas-servizz moghti lilha;

2. Tillikwida l-ammont dovut lill-attur;

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' servizz moghti lilha.

Bl-ispejjez kollha, inkluz spejjez legali extra-gudizzjarji u bl-interessi legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat illi din il-kawza nbdiet quddiem il-Magistrat Dr. Simone u b'digriet tal-Prim Imhallef datat 1 ta' Jannar, 2020 din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata fl-20 ta' Frar, 2019 u giet notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fl-20 ta' Marzu, 2019, pero' s-socjeta' konvenuta la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2020.

Semghet bil-gurament lil Paul Caruana jixhed li l-ammont ghadu dovut fl-interita' tieghu.

Rat li fis-seduta sussegwenti tal-24 ta' Marzu, 2010, is-socjeta' konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher.

Semghet lil Paul Caruana fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2020, jixhed li l-ammont ta' hdax il-elf Ewro disa' mija u disgha u ghoxrin Ewro u tmien centezmi (€11,929.08) ghadu kollu dovut;

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba ta' l-attur u tordna lis-socjeta' konvenuta Stainless Steel Products Limited thallas lill-attur s-somma ta' €11,929.08 (hdax-il elf ewro, disa' mija, disgha u ghxorin ewro u tmien centezmi), bl-ispejjez legali u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-kawza sad-data tal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**